MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 668/2010/1

**Michael Scicluna**

**v.**

**Suprintendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar u l-istess Awtorita` dwar Licenzjar**

**Il-Qorti:**

Illi dan hu provvediment dwar il-validita` *o meno* tal-appell mis-sentenza tal-prim'awla tal-Qorti Civili moghtija fit-28 ta' Lulju 2011, li ressqu Margot Antoinette Tabone u Martin Croucher bhala terzi interessati, u dan peress illi qed jigi sottomess mill-attur appellat li jonqos f'dawn il-

persuni l-interess guridiku mehtieg biex jippromwovu l-hekk imsejjah *appello del terzo*.
L-attur applika biex imexxi spizerija fi Triq is-Santwarju, Zabbar, u ghalkemm il-licenzja giet approvata, eventwalment gie infurmat li l-licenzja mhux se tohrog, u dan peress li l-awtoritajiet irrealizzaw li, fejn kienet se tinfetah l-ispizerija l-gdida, ma kienx "tlett mitt metru bil-pass" 'il boghod minn spizerija ezistenti, u dan fit-termini tar-regolament 4(1) tal-Avviz Legali 279 tal-2007. L-ewwel Qorti sabet li l-awtoritajiet kompetenti ma kienux gustifikati li jzommu l-permess, peress, li, fil-fatt, l-ispizerija l-gdida kienet se tkun lill-hinn minn dik id-distanza.

Il-konvenut Suprintendent tas-Sahha Pubblika hassu aggravat b'dik id-decizjoni u interpona appell mill-istess. L-imsemmija terzi ressqu *appello del terzo* u rradikaw l-interess taghhom fuq il-fatt li huma imexxu zewg spizeriji f'Haz-Zabbar, u jigu ppregudikati finanzjarjament jekk tinfetah spizerija ohra fil-lokal.

L-attur appellat ilmenta li dan is-suppost interess ma johloqx l-interess guridiku mehtieg biex jintitolahom iressqu appell.

Trattat dan l-aggravju, din il-Qorti tara' li l-appellat ghandu ragun. Mhux kull interess fl-ezitu ta' kawza jintitola lill-terz biex jintervjeni u jappella mid-decizjoni li Qorti fi prim istanza tkun tat f'dik il-kawza. L-interess irid ikun marbut dirett mat-talba attrici, fis-sens li t-terz irid juri li anke hu jista' jitqies bhala legittimu kontradittur tat-talba attrici.
Din il-Qorti, fil-kawza **Borg pro et noe v. Pace noe et**, deciza fis-6 ta' April 2006, kienet ghamlet studju dettaljat tal-interess mehtieg biex dak li jkun jittanta b'success *appello del terzo*. F'dik il-kawza intqal hekk a propozitu:

*"Bilkemm ghalfejn jinghad li mhux kull xorta ta' interess jikkwalifika bhala "interess guridiku". Per ezempju, interess merament akkademiku ma jikkwalifikax, bhalma lanqas ma jissodisfa l-vot tal-ligi tal-procedura interess f'dak li huwa precipwament l-<u>ezitu</u> tal-kawza. Kif tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fid-*

*decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet John Baptist Chiappa et v. Joseph M. Formosa noe et, moghtija fis-6 ta' Gunju 2001, il-parti li tkun interponiet "appell tat-terz",*

*""kellha qabel xejn tissodisfa lill-Qorti, li kellha interess fit-termini tal-ligi biex tintervjeni f'dan l-istadju ta' revizjoni tal-kawza billi bhala terz tappella mis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad. L-interess li kien qed jehtigilha tipprova kellu jkun guridiku u dan ifisser illi tali interess seta', jekk jigi rejalizzat b'mod favorevoli fl-azzjoni kif proposta, jissarraf fi dritt fil-konfront ta' l-atturi li pproponew il-kawza. Ma kienx allura bizzejjed li tali interess ikun fl-ezitu tal-kawza in kwantu dan seta' jizvantaggja jew jagevola lit-terz li jappella fit-terminu ta' l-Artikolu 236 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fil-kaz taht ezami jidher li tali interess guridiku ma jirrizultax in kwantu l-appellanti ma setghet qatt tivvanta xi jedd fil-konfront ta' l-atturi li maghhom m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika u li johrog mill-konvenju li fuqu qed teradika l-interess li jintitolaha tappella qua terz.""*

F'dan il-kaz, it-terzi appellanti ma jistghu jivvantaw ebda jedd fil-konfront tal-attur li mieghu ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika. L-Avviz Legali inkwistjoni hi ligi amministrattiva li tohloq *policy* enforzabbli mill-awtoritajiet kompetenti, li jridu jsegwu dak li tghid l-istess ligi meta jqisu applikazzjonijiet ghal hrug ta' licenzji ta' spizeriji. Kif din il-Qorti osservat fil-kawza **Fava pro et noe v. Supritendent tas-Sahha Pubblika**, deciza fil-11 ta' Mejju 2010, dak l-Avviz Legali huwa intenzjonat principalment ghal protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur. Ghalkemm xi spizjara jistghu jgawdu minn xi provvedimenti ta' dik il-ligi, l-iskop taghha huwa l-interess tal-konsumatur titolabbli mill-awtorita` kompetenti. Minn ihossu ruhu milqut hazin minhabba interpretazzjoni jew applikazzjoni allegatament skoretta ta' dik il-ligi, jista' jitlob lil dawn il-qrati jisthargu gudizjarjament dak l-ghemil amministrattiv, pero`, dejjem fil-konfront tal-awtorita` kompetenti. Kif osserva t-terz appellant Martin Croucher, huwa ghandu *"dritt privat naxxenti minn policy generali maghmula mill-awtoritajiet, u dritt li jirreklama dak li hu jqis ghandha tkun l-applikazzjoni korretta tal-policy u anke dritt pubbliku*

*inkwantu jolqot l-interess kummercjali tieghu"*, pero`, dan fil-konfront ta' min ikollu l-awtorita` iwettaq dik il-*policy*, u mhux fil-konfront ta' persuna ohra milquta wkoll bit-thaddim ta' dik il-*policy*. L-attur qed jirreklama dritt li, skont hu, taghtih il-ligi u qed jilmenta mic-cahda ta' dak id-dritt mill-awtorita` kompetenti; il-kaz huwa bejn l-attur u l-awtorita` u, ghalkemm, it-terzi appellanti huma interessati fl-esitu, ma ghandhomx dak l-interess guridiku mehtieg biex jindahlu fil-kwistjoni amministrattiva u personali bejn l-attur u l-awtorita` konvenuta.

Il-principji fuq enuncjati dwar l-interess guridiku kienu gew abbraccjati aktar qabel minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Fiorentino v. Azzopardi**, deciza fl-1 ta' Marzu 2006. F'dik il-kawza, il-Qorti rriferiet ukoll ghal dak li ntqal mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (2003 numru 13091) fis-sens illi:
*"l'interesse ad agire, necessario anche ai fini dell'impugnazione del provvedimento giudiziale, va apprezzata in relazione alla utilita` concreta derivabile alla parte dall'eventuale accoglimento del gravame e non puo consistere in un mero interesse astratto ad una piu` corretta soluzione di una questione giuridica, non aventi riflessi pratici sulla decisione adottata."*

L-interess tat-terzi appellanti huwa dirett lejn soluzjoni korretta tal-kwistjoni guridika quddiem din il-Qorti, pero`, dan ma jaghtihomx dritt li jintervjenu b'mod dirett f'kwistjoni bejn il-partijiet fil-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qed tilqa' l-pregudizzjali tal-attur appellat, u tiddikjara bhala nulli l-appelli mressqa minn Margot Antoinette Tabone u Martin Croucher u tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-istess.

L-ispejjez relatati ma' dawn l-*appelli del terzo* jithallsu mill-appellanti rispettivament.

Il-kawza qed tigi differita ghal kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------